

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDEZZJONIJIET

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDEZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-2 ta' Settembru 2013

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banco de España

(BĊE/2013/32)

(2013/C 264/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma verifikati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni kurrenti tal-Banco de España ntemm wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2012. Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2013.

- (3) Il-Banco de España għażel lil KPMG Auditores, S.L. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2013 sal-2017,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

Huwa rakkomandat illi KPMG Auditores, S.L. għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Banco de España għas-snin finanzjarji 2013 sal-2017.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-2 ta' Settembru 2013.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI